# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 11 ta' Marzu 2019

**Rikors Numru : 509/2018 JPG**

**Kawza Numru : 27**

**AB**

**U**

**RB**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors kongunt ta' AB u RB, datat 15 ta' Novembru, 2018, a fol 1 et seqq li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti kienu zzewgu nhar il- hamsa [5] t' April tas-sena elf disa' mija sitta u tmenin [1986] f' Malta, kif jirrizulta mic-Certifikat taz-Zwieg hawn anness u mmarkat DOK A.*

2. *Illi minn dan iz-zwieg huma kellhom tifla, ossia A, illum maggiorenni;*

3. *Illi l-partijiet ilhom legalment separati b'kuntratt redatt min-Nutar Dr. Maurice Gambin mill-ghoxrin [20] ta' Lulju tas-sena elf disa' mija, tnejn u disghin [1992], li kopja tieghu qeghda tigi hawn annessa u mmarkata DOK B;*

4. *Illi ma hemm ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet stante illi minbarra li ilhom ghall dawn l-ahhar snin mifrudin, illum huma ghandhom hajja totalment separata minn xulxin;*

5. *Illi ma hemm l-ebda kwistjoni in konnessjoni ma' kwalunkwe hlas ta' manteniment dovut f'dan l-istadju fir-rigward tal-partijiet u dan stante li l-esponenti dejjem hallas il-manteniment b'mod regolari u skond l-istess kuntratt ta' separazzjoni personali [ara DOK B anness];*

6. *Illi lanqas ma hemm manteniment dovut fir-rigward it-tifla tal-partijiet;*

7. *Illi dawn il-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti jogghobha:*

1. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg, ezistenti bejn il-partijiet;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku u dan taht dawk il-provvedimenti kollha li dina il-Qorti Jidhrilha xieraq u opportuni skond il-ligi.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**AB** xehed permezz t'affidavit a fol 11 u *viva voce* a fol 14 *et seqq* illi l-partijiet izzewgu fil-5 t'April 1986 u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fl-20 ta' Lulju 1992 permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehed illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom tifla wahda, li llum il-gurnata hija maggorenni. Xehed illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal ukoll illi

l-partijiet ilhom jghixu separatament aktar minn erba' snin, u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**RB** xehdet permezz t'affidavit a fol 12 u *viva voce* a fol 18 *et seqq* u kkonferma u kkorobora ix-xhieda ta' AB.

**Ikkonsidrat;**

Il-Qorti rat id-dispozizzjonijiet relevanti tal-Kodici Civili ghal kaz in ezami senjatament:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. * Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom***

***ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat;**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi wara z-zwieg taghhom datat 3 ta' April 1986, (Vide Dok A a fol 4) l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt datat 20 ta' Lulju 1992 fl-atti tan-Nutar Dottor Maurice Gambin, debitament awtorizzat mill-Qorti (Vide Kuntratt Dok B a fol 5 et seqq.), u ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin.

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqu' bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**